23 ta' Novembru, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. *Dr. L. A. Camilleri, LL.D., President;*

Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Joseph Ellul versus Giulia Ellul*

**Alimenti — Separazzjoni Personali — Mara — Art. 27 u 3 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru li fil-każ ta' konjuġi l-alimenti li r-raġel għandu jagħti lill-mara huma regolati mhux mill-bżonn tal-mara u l-mezzi tar-raġel, imma mill-mezzi u mill-istat soċjali tar-raġel, anki jekk jiġi eċċedut il-limiti tal-bżonn tal-mara.*

*Din ir-regola, però, tivviżwalizza l-istat ta' konvivenza; b'mod li din ir-regola għandha, għalkemm tibqa' sħiħa, tissubixxi tempera-ment fil-miżura ta' l-alimenti meta l-konjuġi jkunu separati "de facto" u l-mara tkun qiegħda taqla' l-flus.*

*Għalhekk, jekk ir-raġel ġie kundannat b'sentenza biex jissomministra lill-mara l-alimenti f'ċerta miżura meta l-mara ma kenitx taħdem, u wara s-sentenza l-mara taħdem u taqla' l-flus, fil-waqt li l-mezzi tar-raġel jibqgħu l-istess, hemm lok għal riduzzjoni fil-miżura ta' l-alimenti akkordati bis-sentenza — ferma dejjem ir-regola li l-mara għandha tiġi mantnuta mhux in relazzjoni għall-bżonnijiet tagħha, imma in relazzjoni għall-mezzi tar-raġel, anki jekk jiġi eċċedut il-limiti tal-bżonn tal-mara.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa, b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Awissu 1950 fil-kawża fl-ismijiet "Giulia Ellul vs. Joseph Ellul" (dok. A), ġie kundannat iħallas lill-konvenuta, martu, il-pensjoni alimentarja ta' £8. 10. 0 fix-xahar; u illi l-lum il-konvenuta qiegħda taħdem u qiegħda taqla' £4. 10. 0 fil-ġimgħa, u b'dana l-mod il-konvenuta tinsab f'kon-

dizzjoni wisq aktar vantaġġuża minn tiegħu. billi qiegħda tip-perċepixxi madwar £26 fix-xahar, mentri huwa jibqagħlu għalhekk £13. 10. 0 fix-xahar; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, tiġi ordnata r-riduzzjoni ta' l-imsemmija pensjoni alimentarja għal dak l-ammont li jkun jidher adegwat għall-bżonnijiet attwali tal-konvenuta u għall-mezzi tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li ġiet inġunta biex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Ġunju 1953, li biha ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob riduzzjoni tal-pensjoni alimentarja ta' £8. 10. 0 fix-xahar, li ġie kundannat iħallas lill-konvenuta martu bis-sentenza fil-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni; u dan għaliex jippretendi illi l-konvenuta l-lum qiegħda taqla' £4. 10. 0 fil-ġimgħa, waqt li fiż-żmien ta' dik is-sentenza hija ma kienet taqla' xejn, b'mod illi l-pożizzjoni finanzjarja tagħha tbiddlet għall-aħjar minn dak in-nhar il-hawn;

Illi skond il-liġi, ir-raġel għandu d-dmir, fost ħwejjeġ oħra, li jżomm lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu (art. 3 (2) Kap. 23), u għalhekk l-alimenti tal-mara għandhom ikunu skond il-mezzi tar-raġel, ukoll jekk jeċċedu l-limiti tal-bżonn tal-mara (Vol. XXIX—II—51); b'mod illi, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi oħra, bħal kawża ta' separazzjoni personali, dawn l-alimenti tal-mara jiddependu unikament mill-mezzi tar-raġel u l-kondizzjoni soċjali tiegħu, u mhux fuq il-mezzi tal-mara, jew aħjar indipendentement mill-mezzi tal-mara (Vol. XXIX—II—351); u għalhekk il-fatt li l-konvenuta l-lum għandha xi mezzi ma jġibx għall-konsegwenza li jitnaqqsu l-alimenti li ġie kundannat jagħtiha. Divers kien ikun il-każ kieku l-attur kien jippretendi li hemm lok għar-riduzzjoni tal-pensjoni alimentarja minħabba l-kambjament għall-agħar fl-istat finanzjarju tiegħu minn dak in-nhar tas-sentenza l-oħra l-hawn. Imma l-attur mhux qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq din il-pretensjoni; u lanqas jista' jagħmel hekk, għaliex huwa stess xehed illi l-lum huwa għandu l-istess salarju bħal ma kellu fi żmien is-sentenza fil-kawża l-oħra, jew, kif esprima ruħu, il-lum huwa qiegħed fl-istess ilma ta' allura,

jiġifieri għandu l-istess mezzi bħal ma kellu f'dak iż-żmien;

U illi għalhekk it-talba ta' l-attur fuq il-kawżali miġjuba mhijiex *sostenibili*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fol. 33, u l-petizzjoni tiegħu fol. 34, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata, u li tiġi milqugħa t-talba; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi deher mill-provi li mis-sentenza ta' qabel l-hawn (fol. 5) il-konvenuta, li dak iż-żmien ma kienet taqla' xejn, il-lum qiegħda taqla s-salarju ta' £5. 5. 6 fil-ġimgħa;

*Illi, għalkemm hu veru li fil-każ ta' konjuġi hu applikabili*, mhux l-art. 27 tal-Kap. 23 Ediz. Riv., li jipproporzjona l-alimenti fuq il-bżonn ta' l-alimentand u l-mezzi ta' l-alimentant, iżda hu applikabili l-art. 3 idem, li jgħid li r-raġel għandu jmantni l-martu skond il-mezzi tiegħu (ara P.A. 7. 12. 81 "Vassallo utrinque", u P.A. "Stivala utrinque" 23. 10. 34), ewoldiri skond il-mezzi tiegħu konformement għall-istat soċjali tiegħu, anki jekk jiġu eċċeduti l-limiti tal-bżonn tagħha, eppure, peress li din ir-regola ta' l-art. 3 qiegħda tivviżwalizza *l-istat ta' konvivenza*, għalhekk, *għad li r-regola tibqa' sħiħa*, għandu jsir temperament fil-"miżura" ta' l-alimenti meta l-konjuġi jkunu separati "di fatto", kif inhu l-każ, u meta l-mara tkun qiegħda taqla anki hija. Dan il-prinċipju, affermat fil-ġurisprudenza taljana, li mxiet fuq artikoli simili għal dawk tal-Kodiċi Malti, jidher ġust, u kien hekk konċepit :— "La moglie separata dal marito per mutuo consenso ha diritto agli alimenti non solo in caso di bisogno, ma bensì in rapporto alla condizione del marito; solo che devesi con giusto temperamento *moderarne la misura*..........";

Dan il-prinċipju ġie adottat mill-Qrati Tagħna fil-kawża "Robertson utrinque", 23. 2. 35. Vol. XXIX, P. II, p. 351;

Fil-każ preżenti, il-kontendenti qegħdin jgħixu "de facto" separati. L-attur qed jaqla' £5. 10. 0 fil-ġimgħa. Mis-sentenza ta' qabel l-hawn il-konvenuta qiegħda taqla' £5. 5. 6 fil-ġimgħa, ftit xelini anqas minnu. Kieku hi kellha tibqa' tipperċepixxi minn għandu, "rebus sic stantibus", il-pensjoni alimentarja ta' £8. 10. 0 fix-xahar, ir-regola li l-mara għandha

tinżamm skond l-istat soċjali tar-raġel tiddistruġġi ruħha stess, għaliex jiġi li l-konvenuta jkollha d-doppju tiegħu, u għalhekk jitnaqqas l-istat soċjali tiegħu billi jkollu jżomm dan l-istat fuq salarju ferm menomat, u intant dak l-istat soċjali għandu jirregola r-rata ta' manteniment tal-konvenuta, li fil-frattant, billi tkun qiegħda, b'kollox, tipperċepixxi d-doppju tiegħu, ikollha stat soċjali, kwantu għall-mezzi, ogħla minn dak ta' żewġha;

Illi l-attur talab ir-riduzzjoni, u l-kambjament fuq imsemmi jiġġustifika li ssir riduzzjoni sostanzjali, ferma dejjem ir-regola li l-mara għandha tiġi mantnuta mhux biss in relazzjoni għall-bżonn tagħha, imma in relazzjoni għall-mezzi tar-raġel, anki jekk jeċċedu dak il-bżonn;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, u tilqa' t-talba fis-sens li tirriduċi l-pensjoni alimentarja tal-konvenuta għas-somma ta' £1 fix-xahar, pagabili bħal qabel;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-Reġistru għak-kariku tal-konvenuta fiż-żewġ istanzi.